# IL-ĦAMES PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
## (Sede Superjuri)

**20 ta' Jannar, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D., – Aġent President**
**Onor. Carmel Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Emmanuel Farrugia

**Stqarrijiet u Konfessjonijiet ta' l-Akkużat – Volontarjetà – Arrest Illegali**

*Il-prova tal-volontarjetà ta' l-istqarrija tinkombi dejjem fuq il-prosekuzzjoni. Il-liġi tagħna ma tgħidx espressament u kategorikament li arrest illegali awtomitakament jirrendi stqarrija inammissibbli. Jekk lill-ġurati jirriżultalhom arrest illegali għandhom jaraw l-impatt li dan seta', fiċ-ċirkostanzi, kellu fuq il-volontarjetà ta' l-istqarrija.*

Il-Qorti: –

Rat l-Att ta' Akkuża Numru 5 ta' l-1980;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-12 ta' Settembru 1983 li biha.....*omissis*.....ikkundannat lill-imsemmi Emanuel Farrugia għall-piena ta' priġunerija għall-perijodu ta' sentejn, minn liema perijodu għandu jitnaqqas il-perijodu li l-istess Emanuel Farrugia għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Emmanuel Farrugia li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha u tirrevokaha fil-parti kundannatorja tagħha u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-Ewwel Onorabbli Qorti interpretat jew applikat żbaljatament il-liġi li seta' kellu influwenza fuq il-verdett u li sar b'hekk amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju m'huwiex fondat

u għalhekk ma jimmeritax li jiġi akkolt u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

a) Il-posizzjoni legali viġenti f'pajjiżna in materja ta' volontarjetà ta' stqarrijiet u konfessjonijiet in relazzjoni ma' allegat arrest illegali ġiet eżawrjentement illustrata minn din il-Qorti reċentement fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Novembru 1988 *in re* Ir-Repubblika ta' Malta kontra Fracis Casaletto. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet spjegat li l-prova tal-volontarjetà o meno ta' l-istqarrija tinkombi dejjem fuq il-Prosekuzzjoni u l-liġi tagħna ma tgħidx espressament u kategorikament li arrest illegali awtomatikament jirrendi stqarrija inammissibbli. Jispetta għalhekk li minn każ għal każ il-ġurati, jekk jirriżultalhom arrest illegali, jaraw l-impatt li dan seta' fiċ-ċirkostanzi kellu fuq il-volontarjetà ta' l-istqarrija. A skans ta' ripetizzjonijiet din il-Qorti għalhekk tagħmel riferenza għal dak li qalet fl-imsemmija sentenza f'dan ir-rigward;

b) L-Ewwel Qorti wara li spjegat x'tgħid il-liġi dwar konfessjonijiet u għamlitha ċara lill-ġurati li l-kwistjoni tal-volontarjetà kienet f'idejhom u f'idejhom biss, poġġitilhom iż-żewġ verżjonijiet dwar id-durata ta' l-arrest f'dan il-każ u mhux hekk biss imma ipprospettatilhom ukoll il-possibilità li jaslu għal konklużjoni li bejn perijodu ta' arrest u ieħor ma kienx hemm żmien li jista' jiġi kkunsidrat bħala ta' *"effective release"* u qaltilhom li jekk jaslu għal din il-konklużjoni allura jsegwi wkoll li kien hemm arrest illegali u allura kellhom jaraw x'effett dan seta' kellu fuq il-volontà ta' l-akkużat;

ċ) Dwar l-oneru tal-prova, għalkemm ma jirriżultax mill-indirizz li l-Ewwel Qorti qalet espressament lill-ġurati li l-oneru tal-prova tal-volontarjetà ta' l-istqarrija kien fuq il-prosekuzzjoni,

ħaġa li dejjem desiderabbli li ssir, ċjoè nonostante, spjegatilhom però b'mod ġeneriku li fil-proċess kriminali l-oneru tal-prova huwa fuq il-prosekuzzjoni, li l-akkużat m'għandux għalfejn jipprova l-innoċenza tiegħu għax din tippreżumiha l-liġi stess u li kull dubbju raġonevoli għandu jmur a benefiċċju ta' l-akkużat. F'dan l-isfond ta' liġi li ġie enfasizzat suffiċjentement lill-ġurati, u wara li din il-Qorti eżaminat funditus l-indirizz ta' l-Onorabbli Mħallef li ppresjeda l-ġuri, din il-Qorti assolutament ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant li l-ġurati ġew indotti fl-iżball li jaħsbu li kien l-akkużat li ried jipprova li l-istqarrijiet tiegħu kienu involontarji;

Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi respint;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju l-ieħor ta' l-appellant hu fis-sens li hu ġie misjub ħażin fuq il-fatti tal-każ;

*Omissis;*

Illi wara li qieset fil-fond il-provi kollha li nġabu f'dan il-każ din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju jimmerita li jiġi akkolt;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha tirrevokaha fil-parti kondannatorja tagħha billi kwantu jirrigwarda t-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, tħassar id-

dikjarazzjoni ta' ħtija u tordna li jiġu rreġistrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni.